II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 515/2013

tal-5 ta' Ġunju 2013

li jelenka isem fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti [Tortas de Aceite de Castilleja de la Cuesta (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti [2].

(2) Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, it-talba li għamlet Spanja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Tortas de Aceite de Castilleja de la Cuesta" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3].

(3) Billi lill-Kummissjoni ma waslitilha l-ebda oġġezzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006,, l-isem "Tortas de Aceite de Castilleja de la Cuesta" ġie ppublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
[2] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
[3] ĠU C 257, 25.8.2012, p. 4.

ANNESS

Prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fil-punt II tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

Klassi 2.3. Ħelu, ħobż, prodotti moħmija, prodotti tad-dulċiera, galletti u gallettini

SPANJA

Tortas de Aceite de Castilleja de la Cuesta (STG)